MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru. 1151/2008

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER ATTARD ta’ 29 sena, iben John (mejjet) u Michelina nee’ Muscat, imwieled nhar it-18.05.1982, residenti fil-fond Flat 4, Entrance G, Triq Don Mawro Inguanez, Birkirkara, jew 17, Triq San Frangisk, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 285682M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Christopher Attard** li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta’ Novembru, 2008, ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta’ fil-ghodu (03.45hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 1543 O Cassar, PS 69 J Cremona, PC 842 A Camilleri, PC 1596 J Cesare, u PC 145 A Abela, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli ngurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 1543 O Cassar, PS 69 J Cremona, PC 842 A Camilleri, PC 1596 J Cesare, u PC 145 A Abela, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 145 A Abela, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb jew bi traskuragni, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ vettura bin-numru GVP474 tal-ghamla Kia, ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom

billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi la kellu oggezzjoni ghal proceduri sommarji, u anke li kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali a folio 17.

Rat li in vista' ta' l-ammissjoni gie ordnat u prezentat Pre-Sentencing Report, Dok TC.

Rat ir-rakkomandazzjonijiet fl-istess rapport.

Semghet ghalhekk dwar il-problema li l-akkuzat ghandu kemm fil-konfront ta' l-alcohol, kif ukoll dawk psikjatrici. Aktar tard Ivan Sultana, Probation Officer, xehed dwar dawn l-istess problemi.

Ikkunsidrat:

Dwar il-piena, din il-Qorti solitament Hi tal-prassi li tinflingi ghar-reati in dezamina piena karcerarja effettiva - dan ghax huma diretti lejn ufficjali pubblici, aktar u aktar pulizija. Pero konxja mill-problemi li jaffliggu lill-imputat, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt(6) xhur sospizi ghal sena (1), ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tqieghdu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sena(1) mill-lum, taht l-Ufficjal Sorveljanti Ivan Sultana, b'dan illi huwa ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-istess, specjalment dwar programm ta' abbuz ta' alcohol.
Huwa ordnat ukoll illi matul din l-Ordni, huwa jzomm kuntatt mal-Psikjatra Dr Ethel Felice.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------